MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2006

Rikors Numru. 71/2006/1

Rikors Nru: 71/2006

Marina Grech bil-karta ta' l-identita' numru 337554(M)

vs

Marianne Marino

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti pprezentat fl-24 ta' Awissu, 2006 fejn esponiet:

1. Illi l-esponenti tikri lill-intimata l-fond numru 114, 'Renmar', Felice Street, Zabbar u dan versu l-kera ta' sittin liri Maltin (Lm60) pagabbli kull tlett xhur bil-quddiem bl-iskadenza li jmiss taghlaq fl-1 ta' Settembru 206.

2. Illi fil-kors tal-kiri ta' qabel il-kerrejja naqset milli tkun puntwali fil-hlas tal-kera u dan in kwantu naqset milli thallas il-kera ghall-iskadenzi kollha li jmorru minn Mejju, 1999 sa Novembru, 2005 wara li giet interpellata taghmel dan ukoll permezz tal-ittri ufficjali rispettivament datati 3 t'Awissu, 2005 u 3 ta' Frar, 2006 (hawn annessi u rispettivament immarkati Dok 'A' u 'B').

3. Ghaldaqstant, in vista tal-premess u tal-provi kollha li ser jingiebu waqt is-smiegh tal-kawza, l-esponenti titlob bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu jawtorizzaha tirriprendi pussess tal-fond 114, 'Renmar', Felice Street, Zabbar u konsegwentement tipprefiggi terminu qasir u perentorju ghall-izgumbrament tal-intimata bl-ispejjez kontra l-istess intimata.

Bil-prezenti u bla pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrenti jirriservaw kull azzjoni lilhom spettanti ghal danni jew kumpens iehor kagun tal-agir tal-intimati kif hawnhekk premess.

Ra li l-intimata ma dehritx u lanqas ressqet twegiba.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-artikolu 30 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante l-kontumacja ta' l-intimata jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jawtorizzaha terga' tiehu f'idejha l-fond 114, 'Renmar', Felice Street, Zabbar; ghall-ghan ta' tkeccija
jaghti xahar (1) zmien millum; l-ispejjez jithallsu mill-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------